# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 13 ta' Marzu 2019

**Rikors Numru : 542/2018 JPG**

**Kawza Numru : 25**

**MM**

**vs**

**FM**

## Il-Qorti:

Rikors ta' MM, detentriċi tal-karta tal-identita` X, datat 6 ta' Dicembru, 2018, a fol 1 li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti żżewġu fil-Knisja tal-Karmelitani ġewwa Santa Venera nhar it-tnejn (2) ta' Ġunju tas-sena elf, disa' mija u wieħed u disgħin (1991) – ċertifikat taż-żwieġ anness u markat Dok 'A'.*

*Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldux ulied.*

*Illi l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin in forza ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo datat ħmistax (15) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), liema kuntratt ta' separazzjoni qiegħed jiġi anness u markat Dok 'B'.*

*Illi ma hemm ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Inoltre, qed jiġi konfermat li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti.*

*Illi għalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti, MM, titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara ż-żwieġ tagħha minn mal-intimat, FM, bħala maħlul u li l-partijiet huma divorzjati għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet fi żmien hekk akkordat minnha biex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku skont il-liġi;*

*u dan taħt kull provvediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' FM, detentriċi tal-karta tal-identita` Y, datata 30 ta' Jannar, 2019, a fol 25, li taqra hekk:

*Illi l-esponent ma jopponix ghat-talbiet tar-rikorrenti kif kontenuti fir-rikors taghha ntavolat nhar is-6 ta' Dicembru, 2018.*

Rat illi bejn il-partijiet hemm sentenza ta' annullament fejn il-Qorti tablet biex tigi esebita kopja taghha (Vide fol 26);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni mil-avukat tal-attrici;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**MM** xehdet a fol 28 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Gunju 1991 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fil-15 ta' Dicembru 2003 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja. Qalet illi noltre l-partijiet kienu ottjenew annullament taz-zwieg religjuz taghhom permezz ta' decizjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku tat-30 ta' Settembru 2016. Xehdet illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Xehdet ukoll illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**FM** xehed a fol 32 *et seqq* u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat;**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-2 ta' Gunju, 1991 (Vide Dok. A, a fol 3) fil-Knisja tal-Karmelitani gewwa Santa Venera u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

Jirrizulta wkoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 15 ta' Dicembru, 2003 fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo Vide Dok. B, a fol 4);

Il-Qorti rat illi l-partijiet inoltre ottjenew l-annullament taz-zwieg religjuz taghhom permezz ta' decizjoni tat-Tribunal Metropolitan tat-30 ta' Settembru 2016 (vide fol 33 sa fol 43), liema decizjoni ma gietx appellata. Il-Qorti rat pero illi din id-decizjoni ma gietx irregistrata mal-Istat permezz tal-proceduri idoneji quddiem il-Qorti tal-Appell Civili, u ghalhekk, peress illi ghall-finijiet tal-ligi, iz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet ghadu validu u vigenti, ghadu possibli ghall-partijiet illi jipprocedu ghall-ottjeniment tad-divorzju sabiex ixxolju z-zwieg taghhom.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi**

**registrat fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez ghandhom jibqu' minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**